# IL-GRAN MASTRU ANT. MANOEL DE VILHENA



# U L-ISTEMMA TIEGHU

MINN PUBLIO AGIUS

Sa mill-ewwel żmien tal-ħakma tiegħu, il-Gran Mastru Portugiż Antonio Manoel de Vilhena (19 ta' Ġunju 1722 – 10 ta' Diċembru 1736) wera x-xewqa li jiżviluppa belt residenzjali fuq il-wesgħa ta' art fejn aktar qabel, dan it-territorju ġie protett u mdawwar bi swar għoljin fuq pjanta ta' l-Inġinier Arkitett Pietro Paolo Floriani minn Macerata, l-Italja.

Il-Gran Mastru de Vilhena ħallas biex jinbnew għoxrin blokk fil-Floriana sabiex jilqgħu fihom l-ewwel familji residenti f'din il-belt li aktar tard baqgħet magħrufa bħala 'Borgo Vilhena'.

Ma setax jonqos li l-Gran Mastru ma jħallix il-marka viżibbli tiegħu fuq bosta binjiet u kumplessi permess ta' l-istemma tiegħu biex din tibqa' tifkira u monument ħaj tal-kontribuzzjoni tiegħu lejn dik il-belt. Fost l-interventi fil-Floriana, dan il-Gran Mastru ħalla l-Ospizio jew aħjar kumpless għax-xjuħ u xebbiet (wara d-Depot tal-Pulizija), Casa d'Industria (il-Headquarters tal-Pulizija), l-Imħażen tal-Qamħ (fuq ix-xaqliba ta' wara s-Sur), il-Kalkara tal-Ġir (biswit it-Telgħa tal-Kurċifiss) u bini ieħor li ġie distrutt maż-żminijiet.

Fuq dawn il-binjiet kollha f'post prominenti kont u għadek issib l-istemma tal-Gran Mastru minquxa fil-ġebla Maltija.

Minn riċerka li għamilt ftit ilu joħroġ fatt interessanti li jtfa' dawl fuq l-oriġini tal-istemma tal-Gran Mastru de Vilhena li kienet kemmxejn differenti minn dik li nafu llum.

Bħala bażi tar-riċerka, ħadt l-iżvilupp li seħħ fl-Istorja tal-muniti jew aħjar in-numiżmatika ta' Malta. Għamilt stħarriġ dwar l-elementi li ġew riprodotti fuq il-muniti li ġew maħduma fi żmien il-ħakma tal-Gran Mastru de Vilhena, u nnutajt li fl-ewwel snin tal-ħakma ta' de Vilhena, jiġifieri bejn l-1722-24, inħarġu fiċ-ċirkolazzjoni muniti ta' diversi denominazzjonijiet li kienu jġuru fost oħrajn l-arma jew l-istemma tal-Gran Mastru maqsuma f'erba' partijiet; f'dawk djagonali fix-xellug fuq u fil-lemin isfel, l-arma ta' l-Ordni, filwaqt li fiż-żewġ partijiet l-oħra jidher iljun rampanti f'kull sezzjoni. (Ara Nru 2 faċċata)

Dawn l-elementi fil-muniti ta' dan iż-żmien jidhru li qajmu

konflitt li jmur lura għażżmien meta l-Gran Mastru De la Cassiere (1572-1581) kien jaħkem gżiritna u koinċidentalment kellu l-istess elementi identiċi f'kollox għal dawk tal-istemma tal-Gran Mastru de Vilhena


2

Naturalment minħabba din il-koinċidenza l-Gran Mastru de Vilhena ħtieġlu jimmodifika l-istemma tiegħu biex ikollu d-distintiv partikolari tiegħu.



Jidher li dan il-fatt wassal biex fuq il-muniti li ħarġu wara l-1725, flok l-iljun fuq in-naħa t'isfel fix-xellug, ġie introdott element ġdid li jikkonsisti f'ġewnaħ bi driegħ iżomm sejf. Permezz ta' din il-modifikazzjoni, il-Gran Mastru de Vilhena inkorpora l-element prinċipali fl-arma araldika tal-kunjom t'ommu (Manoel). (Ara Numru 1)

Jidher għalhekk li din l-istemma ġiet stabbilita u rikonoxxuta bħala l-istemma uffiċjali tal-Gran Mastru kif nafuha llum, hekk li din insibuha fuq diversi bini storiku, monumenti kif ukoll oġġetti oħra ta' l-artillerija ta' żmienu.


Manuel de Vilhena


Manuel (outros)

Fuq dokumenti antiki nsibu li l-arma tal-Floriana kienet riprodotta b'iljun uniku jiddomina l-arma u b'lewn aħmar, fuq sfond abjad. L-ipotesi li wieħed jista' jagħmel għar-rigward ta' din l-arma hi, li jekk min ħoloq l-arma oriġinali bejn l-1722 u l-1724, meta kienet teżisti biss l-arma oriġinali b'żewġ iljuni, hu loġiku biżżejjed li wieħed jasal għall-konklużjoni li din l-arma qatt ma setgħet tinkorpora element addizzjonali ħlief l-iljun.


1